Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Marzu 2022**
**(OR. fr)**

**6978/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0214(COD)**

**FISC 63**
**ECOFIN 201**
**ENV 190**
**UD 51**
**CLIMA 93**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri<br>*Approċċ ġenerali* |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020[1], il-kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea esprimew l-appoġġ tagħhom għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u stiednu lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri biex tiġi żgurata l-integrità ambjentali tal-politiki tal-UE u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod kompatibbli mad-WTO.

[1] Dok. EUCO 22/20, il-paragrafi 14 u 17.

2. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[2] jipprevedi li l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-Unjoni kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu bbilanċjati fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, biex b'hekk l-emissjonijiet netti jitnaqqsu għal żero sa dik id-data, u li l-Unjoni għandha timmira li tikseb emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv dan l-objettiv tan-newtralità klimatika, filwaqt li jqisu l-importanza tal-fatt li jippromwovu kemm l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri kif ukoll il-kosteffettività fl-ilħuq ta' dan l-objettiv.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri[3] (CBAM) ġiet ippubblikata fl-14 ta' Lulju 2021 bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Dan il-pakkett jikkonsisti f'sett ta' proposti, u jkopri firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi: il-klima, l-enerġija u l-fjuwils, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u l-forestrija.

4. L-objettiv prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament CBAM, bħala miżura ambjentali, huwa li jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, ikkawżat minn politiki asimmetriċi dwar il-klima ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE (fejn il-politiki applikati għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huma inqas ambizzjużi minn dawk tal-UE). L-applikazzjoni tas-CBAM tipprevjeni li l-isforzi tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jiġu kkumpensati minn żieda tal-emissjonijiet barra mill-Unjoni minħabba r-rilokazzjoni tal-produzzjoni lejn pajjiżi mhux tal-UE jew żieda fl-importazzjonijiet ta' prodotti intensivi fil-karbonju. Mingħajr mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tista' tirriżulta f'żieda totali tal-emissjonijiet globali u toħloq kondizzjonijiet mhux ekwivalenti għall-industrija Ewropea.

---

2 Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

3 Dok. ST 10871/21 + ADD 1 sa 6; [2021/0214 (COD)].

5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021. Il-Parlament Ewropew ser jagħti l-opinjoni tiegħu fil-futur qrib. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għadu ma ħax pożizzjoni.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

6. Il-ħidma fuq din il-proposta bdiet fl-2021 fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc. Il-progress ġie deskritt fid-dettall fir-Rapport ta' Progress approvat mill-Kunsill ECOFIN f'Diċembru 2021[4].

7. Sa mill-bidu tal-2022, il-Presidenza Franċiża organizzat diversi laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc sabiex jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali.

8. Id-diskussjonijiet tekniċi għamluha possibbli li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha koperti mit-test tar-Regolament CBAM innifsu, u li jiġu identifikati proposti ta' kompromess li issa jidhru li huma stabbilizzati b'mod wiesa' ħafna u jikkostitwixxu bażi għal qbil fil-Kunsill.

9. Barra minn hekk, id-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc identifikaw xi kwistjonijiet li huma importanti għall-implimentazzjoni tas-CBAM, iżda li jaqgħu taħt strumenti oħra. Dawn il-kwistjonijiet, li huma mistennija li jiġu ttrattati fix-xhur li ġejjin, huma identifikati fl-Anness għan-nota li tinsab f'ST 6772/22, li ġiet diskussa mill-Kumitat tar-Rappreżentanti fid-9 ta' Marzu.

10. Fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tad-9 ta' Marzu, il-Presidenza nnotat l-appoġġ ta' maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri u kkonkludiet li t-test jintbagħat lill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat approċċ ġenerali.

[4] Dok. ST 14574/21.

11. Sabiex titqies il-pożizzjoni espressa minn Stat Membru, fit-test tal-abbozz ta' Regolament CBAM saru aġġustamenti għall-premessa 52 dwar il-valutazzjoni li għandha titwettaq mill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 2026 biex tiġi introdotta referenza għall-impatt soċjali tal-mekkaniżmu u l-kompetittività fis-suq intern. Il-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet tal-gżejjer ser ikollhom jitqiesu wkoll f'dan il-kuntest.

12. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti appoġġa wkoll in-nota li tinsab f'ST 6772/22. Fuq talba ta' Stat Membru, fl-Anness għal dan id-dokument ġiet inkluża referenza għall-istabbiliment parallel ta' alleanza ta' pajjiżi bi strumenti tal-ipprezzar tal-karbonju jew strumenti komparabbli oħra ("klabb dwar il-klima") sabiex jiġu promossi politiki klimatiċi ambizzjużi fil-pajjiżi kollha u titwitta t-triq għall-ipprezzar tal-karbonju fil-livell globali. Fuq talba ta' Stat Membru ieħor, tqieset ukoll il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi dannużi tal-introduzzjoni tas-CBAM fuq l-esportazzjonijiet.

13. Il- Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li l-ħidma fuq l-elementi stipulati fil-punt 1 tal-Anness għan-nota li tinsab f'ST 6772/22 trid tkun għamlet progress suffiċjenti qabel ma jkunu jistgħu jibdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew.

14. Il-kompromess li jinsab fid-dokument ST 7044/22 u fl-Anness għal din in-nota jieħdu kont tal-aħħar aġġustamenti ppreżentati hawn fuq.

## III. KONKLUŻJONI

15. Il-Kunsill huwa mistieden:

a) jilħaq approċċ ġenerali dwar dan l-abbozz abbażi tal-kompromess li jinsab fid-dokument ST 7044/22;

b) jieħu nota tal-Anness u jikkonferma li l-ħidma fuq l-elementi stipulati fil-punt 1 ta' dan l-Anness trid tkun għamlet progress suffiċjenti qabel ma jkunu jistgħu jibdew in-negozjati mal-Parlament Ewropew.

**Anness**

Fir-rigward tal-approċċ ġenerali mħejji dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) ġew innotati l-punti li ġejjin.

1. Iż-żewġ kwistjonijiet li ġejjin, li mhumiex koperti mir-Regolament CBAM, huma importanti għall-implimentazzjoni tas-CBAM:

    a) Ir-rata li biha jiżdiedu l-obbligi ta' ċediment taċ-ċertifikati CBAM skont l-Artikolu 31 tal-abbozz ta' Regolament CBAM hija ddettata mir-rata tal-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas lis-setturi tal-industrija koperti mis-CBAM, stipulata mid-Direttiva dwar l-Iskema Ewropea għall-Iskambju tal-Kwoti ta' Emissjonijiet;

    b) Il-kwistjoni tal-limitazzjoni tar-rilokazzjoni potenzjali tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-esportazzjonijiet titlob soluzzjonijiet xierqa biex jiġu żgurati l-effiċjenza ekonomika, l-integrità ambjentali u l-kompatibbiltà mad-WTO.

2. Barra minn hekk, huwa mfakkar li l-Kummissjoni ressqet proposti għal riżorsi proprji bbażati fost l-oħrajn fuq id-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati CBAM, li qed jiġu eżaminati bil-ħsieb ta' deliberazzjoni dwarhom sal-1 ta' Lulju 2022, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020.

3. Fl-aħħar nett, huwa nnotat li l-implimentazzjoni tas-CBAM titlob l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bilaterali, multilaterali u internazzjonali mal-pajjiżi terzi, inkluż l-istabbiliment parallel ta' alleanza ta' pajjiżi bi strumenti tal-ipprezzar tal-karbonju jew strumenti komparabbli oħra ("klabb dwar il-klima") sabiex jiġu promossi politiki klimatiċi ambizzjużi fil-pajjiżi kollha u titwitta t-triq għall-ipprezzar tal-karbonju fil-livell globali.